# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 29

It-Tlieta 21 ta' Lulju 2026

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar it-Tlieta 21 ta' Lulju 2026 fl-4.00 ta' waranofsinhar.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur John Farrugia – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur John Cassar - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 29.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;

29.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier John Cassar informa lill-Kunsill li ser ikun indispost u ma jistax jattendi għal-laqgħa. Il-membri tal-Kunsill li kienu preżenti aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

### 29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

29.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 28 ġew ċirkolati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

29.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

29.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 29.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

29.3.1 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill ilu jirċievi diversi lmenti dwar irwejjaħ insapportabbli li qed joħorġu mill-*waste depot* li tinsab fi Pjazza Anfori fix-Xlendi. Huwa spjega li, minkejja diversi komunikazzjonijiet ma' *Circular Economy Malta* sabiex iżidu l-ħasil u t-tindif regolari tas-sit, il-problema baqgħet tippersisti u ma nstabet l-ebda soluzzjoni effettiva.
Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti, intlaħaq qbil unanimu li tintbagħat notifika formali lil *Circular Economy Malta* sabiex il-*waste depot* jitneħħa fl-iqsar żmien possibbli.

29.3.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li bħalissa għaddej xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix ħażin u żebgħa ta' marki stradali kemm fil-Munxar kif ukoll fix-Xlendi.

Kunsill Lokali Il-Munxar

29.3.3 Is-Sindku fakkar lill-membri dwar il-ħarġa soċjo-kulturali li ser jorganizza l-Kunsill, illum fil-21 ta' Lulju 2026 li ser tkun tikkonsisti f'mawra bit-*trackless train*, fejn inżuru diversi postijiet ta' interess fiż-żona tad-Dwejra, segwita minn attivita' ta' natura soċjali fi stabbiliment fiż-Żebbuġ Għawdex.

29.3.4 Is-Sindku fakkar lill-membri dwar l-attivitajiet tas-sajf li se jsiru fix-Xlendi, fosthom il-programm "I Love Xlendi", l-attività "Il-Baħar X'Ra", il-"Gozo Ceramics Festival", kif ukoll il-Ġostra Tradizzjonali.

## 29.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

29.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

## 29.5 Proġetti u Inizjattivi fil-Lokalita';

29.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri dwar il-proġett ta' installazzjoni ta' *railing* ġdid fil-parti ta' fuq ta' Triq San Xmun fix-Xlendi. Huwa nforma lill-membri li l-Kunsill kellu jissottometti l-applikazzjoni għall-fondi flimkien mal-Kunsill Reġjonali Għawdex taħt il-fond *Development Planning Fund* mal-Awtorita' tal-Ippjanar fuq il-pjattaforma diġitali tagħhom peress li l-applikazzjoni ma ġietx milqugħa meta ntbagħtet b'*email*. Huwa fakkar li l-applikazzjoni għall-permess mal-istess awtorita' ġie approvat u ladarba l-applikazzjoni għall-fondi tiġi milqugħa, il-Kunsill jiffirma l-kuntratt tax-xogħlijiet mal-kuntrattur.

29.5.2 Dwar il-proġett tal-installazzjoni ta' fanali dekorattivi fi Triq Rumani u Triq Kavallieri fix-Xlendi, is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill flimkien mal-Inġinier u l-Perit tal-Kunsill iffinalizza u ssottometta d-dokumenti mitluba mill-awtoritajiet sabiex jinħarġu l-permessi neċessarji.

29.5.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li saret laqgħa mal-Perit tal-Kunsill dwar il-proġett ta' riġenerazzjoni tal-Ġnien Ġebla tal-Poplu. Il-Perit ser tkun qed tiffinalizza l-aħħar verżjoni tal-pjanti biex tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-permessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar u tinħareġ is-sejħa għall-offerti.

Kunsill Lokali Il-Munxar

## 29.6 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

29.6.1 Applikazzjoni għall-permess ta’ divertiment mill-Kunsill:

- Attivita’ Reliġjuża mill-Parroċċa tal-Munxar – Triq il-Madonna tal-Karmnu, Il-Munxar – 16 ta’ Lulju 2026;
- Attivita’ soċjali minn SZPM – Triq L-Andrijiet, Il-Munxar – 26 ta’ Lulju 2026;
- Attivita’ “Gozo Ceramics Festival” – Bajja tax-Xlendi – 1 t’Awwissu 2026;
- Attivita’ “Il-Baħar X’Ra” – Bajja tax-Xlendi – 7 t’Awwissu 2026;
- Attivita’ “Ġostra Tradizzjonali u Canoe Races” – Bajja tax-Xlendi – 6 ta’ Settembru 2026.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni ġaladarba jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill u jkun hemm in-*no objection* tal-Pulizija u ta’ Transport Malta fejn applikabbli.

29.6.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Otters ASC rigward attivita’ bl-isem “Ottersfest Aquaman”, li hija ppjanata li ssir fil-Bajja ta’ Marsalforn nhar it-30 t’Awwissu 2026. L-għaqda talbet *no objection* mingħand il-Kunsill Lokali sabiex, fil-każ li l-kundizzjonijiet tat-temp ma jippermettux li l-attivita’ ssir f’Marsalforn iżda jkunu favorevoli fix-Xlendi, l-attivita’ tkun tista’ ssir fil-Bajja tax-Xlendi.

Il-Kunsill Lokali tal-Munxar ma sab l-ebda oġġezzjoni sabiex l-attivita’ msemmija ssir fil-Bajja tax-Xlendi, sakemm jinkisbu u jibqgħu validi l-permessi kollha meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti. Il-Kunsill jitlob ukoll li jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiġu mħarsa s-saħħa u s-sigurta’ tal-pubbliku ġenerali, tal-parteċipanti, kif ukoll ta’ kull persuna involuta fl-attivita’.

29.6.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex dwar ir-raba’ edizzjoni tal-programm ta’ ospitalita’ għall-grupp ta’ żgħażagħ Ukreni. Il-Kunsill Reġjonali Għawdex informa lill-Kunsill li kien għad fadal disponibbli nofs ta’ nhar filgħodu, madankollu, ħadd mill-membri tal-Kunsill ma kien disponibbli f’dak il-ħin.

29.6.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-kumpanija District Operations Ltd, li tipprovdi l-ħaddiema taħt il-Community Work Scheme, fejn ġie infurmat li, wara direttivi ġodda maħruġa mill-Gvern Ċentrali, il-ħaddiema taħt din l-iskema għandhom jingħataw żieda fil-bonus annwali minn 5% għal 10%, liema bonus għandu jitħallas f’żewġ

Kunsill Lokali Il-Munxar

pagamenti, wieħed f'Ġunju u l-ieħor f'Diċembru. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.6.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex fejn ġie propost li l-Kunsilli Lokali jinvestu f'aktar tabelli informattivi madwar il-lokalitajiet, bil-għan li titqajjem kuxjenza dwar l-annimali selvaġġi. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut tal-korrispondenza.

29.6.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin bħala tfakkira dwar il-bidla fid-data tal-Festa ta' San Pawl Nawfragu fil-Munxar. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut tal-korrispondenza u kkonferma l-impenn finanzjarju tiegħu kif ukoll l-appoġġ għall-attivitajiet organizzati fl-okkażjoni tal-festa, kif approvat preċedentament.

29.6.7 Wara li l-Kunsill irċieva korrispondenza b'kwotazzjonijiet sabiex jinbidlu żewġ *printers* fl-uffiċini tal-Kunsill Lokali, kien hemm qbil mill-membri preżenti sabiex il-Kunsill imexxi bl-akkwist mingħand l-orħos offerent.

29.6.8 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex dwar konsenja ta' *dog bin* li ser tingħata lil kull Kunsill Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt li kien hemm qbil sabiex dan jiġi nstallat flok dak li hemm fejn Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina.

29.6.9 Il-Kunsill irċieva notifika mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar dwar applikazzjoni għal żvilupp fejn kien hemm kumpless tan-nar fil-limiti tax-Xadba. Wara diskussjoni dwar is-suġġett, kien hemm qbil unanimu mill-membri sabiex il-Kunsill jissottometti rappreżentazzjoni mal-istess awtorita' sabiex jibqa' infurmat f'kull stadju ta' din l-applikazzjoni.

29.6.10 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-kumpanija RefabLightblue Partnership, li toffri s-servizzi ta' ġbir ta'tessuti f'kontenituri apposta, fejn infurmat lill-Kunsill li ser twaqqaf l-operat tagħha sakemm tirċievi sostenn finanzjarju mill-awtoritajiet tal-Gvern. Kien hemm qbil unanimu mill-membri preżenti li ladarba dan il-kontenitur mhux ser jibqa' jitbattal, dan għandu jitneħħa mmedjatament kemm dak li jinsab fil-Munxar u anke dak li jinsab fix-Xlendi.

Kunsill Lokali Il-Munxar

29.6.11 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Iskola Primarja ta' Sannat sabiex il-Kunsill, għal darba oħra, jikkollabora fl-attivita' li tiġi organizzata fil-ftuħ tal-iskola għat-tfal tal-Kindergarten fl-1 t'Ottubru 2026. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

29.6.12 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand organizzazzjoni internazzjonali għall-immigranti AVRR, li ser tiġi organizzata sessjoni ta' informazzjoni dwar assistenza għall-immigranti li jixtiequ jmorru lura lejn il-pajjiż tal-oriġini tagħhom. Wara diskussjoni bejn il-membri, ġaladarba fil-lokalita' jinsabu numru ta' immigranti, kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jibgħat rappreżentant għal din is-sessjoni.

29.6.13 Wara li l-Kunsill issottometta talbiet għall-għajnuna finanzjarja, il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Direttorat Għal Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex, bi ftehim ta' finanzjament għall-attivitajiet "I Love Xlendi" u "Ġostra Tradizzjonali".

29.6.14 PQ 358 – Remote Working. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

29.6.15 PQ 1237 – Kunsilli Lokali – Impjegati – Kors tal-Mental Health First Aid. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

29.6.16 PQ 1238 – Kunsilli Lokali – Ħaddiema bi Bżonnijiet Speċjali. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

29.6.17 PQ 1239 – Karozzi Elettriċi – Parkeġġi riservati. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

29.6.18 PQ 1466 - Knejjes u Kappelli – Xogħol ta' Restawr. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

29.6.19 PQ 406 – Ministeru Għall-Gvern Lokali u Xogħlijiet Pubbliċi – Reduced Hours. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

29.6.20 PQ 1236 – Kunsilli Lokali – Kampanja ta' Għarfien – Saħħa Mentali. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

29.6.21 Kunsill Reġjonali Għawdex – Tnedija ta' l-iSTEAM Engagement Community Fund. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Kunsill Lokali Il-Munxar

29.6.22 Ċirkulari Nru AKL 2026/048 – The correct use of Plant Protection Products in Public spaces. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.6.23 Ċirkulari Nru AKL 2026/049 – Ai for All in Local Councils. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.6.24 Ċirkulari Nru AKL 2026/050 – Request to circulate Information to all staff working in Local Councils. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.6.25 Ċirkulari Nru AKL 2026/051 – Tnedija ta' l-iSTEAM Engagement Community Fund. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.6.26 Ċirkulari Nru AKL 2026/052 – Well Being Project: LCA. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.6.27 Ċirkulari Nru AKL 2026/053 – Group Life Policy 2026/2027 għall-Membri Eletti. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil għat-tiġdid ta' din il-polza tal-assigurazzjoni.

29.6.28 Ċirkulari Nru AKL 2026/054 – Żjara l-Vatikan. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.6.29 Ċirkulari Nru AKL 2026/055 – Sejħa għal Espressjoni ta' Interess – Smart City Expo World Congress Barcelona 3-5 ta' Novembru 2026. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29.6.30 Ilment 116/2026
Residenta tissuġġerixxi li tiġi installata tabella informattiva bil-għan li jinżamm il-kwiet fl-inħawi tar-residenza tagħha, kif ukoll li l-kamera tas-CCTV li tinsab quddiem ir-residenza tagħha tiġi aġġustata sabiex tkun iffukata fuq il-proprjetà tagħha. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut u kkonferma li l-proprjeta' tagħha tidher b'mod ċar mill-kameras tas-CCTV eżistenti.

29.6.31 Ilment 117/2026
Residenta tissuġġerixxi li tiġi installata tabella fil-Bajja tax-Xlendi li tindika l-projbizzjoni tal-għawm tal-klieb u tal-preżenza tagħhom fuq il-bajja. Il-membri qablu ma' din is-suġġeriment.

Kunsill Lokali Il-Munxar

29.6.32 Ilment 118/2026

Residenta tissuġġerixxi li tiġi installata tabella fi Triq Sant'Anjeże fil-Munxar, sabiex tfakkar lis-sidien tal-klieb dwar l-obbligu tagħhom li jiġbru u jarmu b'mod xieraq il-ħmieġ tal-klieb tagħhom. Il-membri qablu ma' din is-suġġeriment.

29.6.33 Ilment 119/2026

Residenta tissuġġerixxi li jiġu installati *traffic lights* jew tittieħed xi miżura oħra fi Triq il-Munxar, 'l isfel minn Ġnien Ragalna, minħabba li, minħabba l-kantunieri tat-triq, mhux dejjem ikun possibbli li wieħed jara jekk humiex ġejjin vetturi fid-direzzjoni opposta. Il-membri tal-Kunsill irrimarkaw li fiż-żona diġa' hemm *give way sign* u l-Kunsill ser jerga' jara l-effettivita' tagħha.

29.6.34 Ilment 120/2026

Resident fi Triq il-Munxar jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-inċidenti li qed iseħħu ta' spiss f'din it-triq, kif ukoll dwar l-ammont kbir ta' traffiku, b'mod partikolari minn *quad bikes* u vetturi oħra użati mit-turisti. Ir-resident jissuġġerixxi li t-triq tiġi kkonvertita *f'one-way*, b'aċċess ristrett għar-residenti biss. Il-membri qablu li l-Kunsill jieħu parir tekniku dwar is-sitwazzjoni.

29.6.35 Ilment 121/2026

Resident fi Triq Ras il-Bajjada fil-Munxar jitlob sabiex isiru *double yellow lines* mal-ġnub tal-garaxxijiet tiegħu. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 29.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

29.7.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 29/2026-9 għall-perjodu bejn it-13 ta' Ġunju 2026 u l-21 ta' Lulju 2026 li tammonta għal €42,775.22 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsillier Mark Busuttil kien il-proponent filwaqt li l-Kunsillier John Farrugia s-sekondant.

Kunsill Lokali Il-Munxar

## 29.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

29.8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-5.15 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 21 t'Awwissu 2026 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ġimgħa 21 t'Awwissu 2026.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Kunsill Lokali Il-Munxar